# Minn folja għall-Ktieb

## Żjara fl-istamperija tal-Gvern

Aġġornata : 11 ta' Novembru, 2016 16:53
Editriċi: Marija Camilleri

Waqt żjara fl-Istamperija tal-Gvern, il-Klassi 8 Qroll mill-iskola sekondarja taż-Żejtun rajna l-proċess ta' kif folja issir ktieb. Malli rfisna l-ewwel maduma rajna miljuni ta' simboli flimkien ma' twissijiet sabiex min jidħol iżomm il-kwiet.

Fost-il ħafna kmamar li żorna, kien hemm il-kamra tal-istorja. Hawnhekk rajna l-istorja tal-istampar tieħu l-ħajja. Fost affarijiet oħra qalulna li l-istampar f'Malta beda fis-seklu 17, preċiżament fl-1813. L-istampar beda bis-saħħa ta' Johann Gutenberg li ivvinta l-'moveable types'. Dawn kienu ittri tal-injam użat għall-istampar, li mal-mogħdija taż-żmien saru taċ-ċomb. Fl-istamperija tal-Gvern għad hemm il-'moveable types' oriġinali kif ukoll il-kexxun fejn kienu jitqiegħdu.

Mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta, daħlu f'pajjiżna ittri kapitali fuq iċ-ċomb ta' qies żgħir ħafna, bis-saħħa t'hekk ġiet ippublikata l-ewwel gazzetta tal-Gvern. Sabiex jipprintjaw kienu jpoġġu l-ittri taċ-ċomb ġo biċċa għodda tissejjaħ 'case' ippressati ma' xulxin. Imbagħad kienu jbilluhom ġol-linka u jpoġġuhom fuq karta. Fil-kamra tal-istorja hemm ukoll magna kbira ħafna magħrufa bħala l-'Wharfdale' li ħolquha 'William Dawson and Sons'. Din kienet tintuża għall-istampar tal-ġurnal 'Daily Malta Chronicle'. Fost affarijiet storiċi li ġew ippubblikati bis-saħħa ta' din il-magna nsibu l-irvellijiet tas-Sette Giugno tal-1919

F'Mejju tal-1937, Anthony Ebejer xtara din il-magna u taha lid-Direttur Luis Fsadni, fejn damet sal-1999.

Fil-kuritur li jwassal għall-kamra tal-istampar wieħed jista' jara vetrina, illi fiha hemm għall-wiri aktar magni u apparat li kienu jintużaw fil-passat. Waħda minn dawn il-magni hija l-Lineterm li kienet waħda mill-ewwel magni ta' 'phototypesetting'. Hemm esebita ukoll kaxxa tal-metall li fuqha kienet tinkiteb il-paġna permezz ta' ittri taċ-ċomb. Magna oħra li rajna hija t-Torkju. Permezz ta' din il-magna kienu jagħmlu l-linka fuq il-paġna.

Waqt li konna fil-kamra tal-istampar spjegawlna illi l-istampar qatt ma jista' jsir fuq numru farrad, iżda jsir dejjem fuq numru doppju. L-istampar isir fuq film trasparenti li jkun ta' qies A1 permezz ta' printer kbir b'ħafna kompjuters imqabbdin miegħu. Dan jistampa kollox abjad u iswed, iżda permezz ta' proċess interessanti ħafna jingħata l-kulur.

Biswit il-kamra tal-istampar wieħed isib il-kamra tal-kulur. Il-kuluri li jingħataw huma 'Cayen', 'Magenda', isfar u iswed. Il-kuluri jiġu stampati permezz ta' ħafna tikek ħdejn xulxin. Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kuluri oħra, apparti dawk imsemmija hawn fuq, il-magna tpoġġi dawn il-kuluri, 'Cayen', 'Magenda', isfar u iswed fuq xulxin. B'hekk il-kuluri jitħalltu u jiffurmaw kuluri oħra. Il-printing issir fuq 'plate'. Din jitfgħulha kimika (aċtu) u wara l-karta tinħasel permezz tad-dawl. Il-linka tkun magħmulha minn żejt u ilma. Il-'plate' terġa tixxarrab bl-ilma u ż-żejt. Wara dan il-proċess il-'plate' li issa tkun saret karta, jagħdduha minn ġo magna li fiha jkollha rombli mxarrbin bil-linka u l-ilma u l-karta terġa' tixxarrab iżda din id-darba permezz ta' linka u ilma.

Iż-żjara tagħna ħaditna ukoll ġo kamra kbira ħafna fejn, fost oħrajn, kien hemm min qiegħed jaħdem il-qoxra għall-kotba, min qiegħed jgħaqqad il-paġni A1 sabiex jifforma fuljett, u min jaqta' l-karti sabiex isiru karti iżgħar bħal dawk li nirċievu fid-djar tagħna.

Imxejna sa garaxx kbir fejn kien hemm ix-xogħol lest qiegħed jistenna lil min jiġi għalih. Qalulna illi kotba żgħar jieħdu bejn tlett ijiem u erbgħa sabiex isiru, iżda kotba ta' 8000 paġna jieħdu madwar ġimgħa, filwaqt li djarju kbir jieħu ħafna żmien. Il-ħjata tal-ktieb ma ssirx fl-isamperija iżda tintbagħat f'post ieħor. Qoxra 'hardbound' hija magħmula minn kartun. Il-qoxra tkun magħmulha minn karta illi titwaħħal ma' kartuna.

Din iż-żjara kienet esperjenza unika u interessanti ħafna. Minnha tgħallimt lezzjoni siewja ħafna. Il-karti nużawhom kważi l-ħin kollu u nkunu pronti narmuhom mingħajr ma nirrealizzaw li sakemm din il-karti waslet għandna għaddiet minn proċess twil li jieħu ż-żmien. Għalhekk għandna nkunu għaqlija u l-karti nużawhom minn żewġ naħat, imqar bħala karti biex inħażżu fuqhom (rough paper), qabel ma nsibulhom posthom fil-landa taż-żibel. Irridu napprezzaw li sabiex kartia tasal għandna, jkun hemm bosta ħaddiema jaħdmu wara magni enormi. Ix-xogħol ta' dawn in-nies mhux faċli u jinvolvi ċertu periklu li sfortunament jista' jwassal għal aċċidenti gravi u fatali, jew iweġġgħu gravi.